# Il-Mixja Kostituzzjonali u l-Korp tal-Pulizija (1813-1964)

minn Eddie Attard

Mal-kapitulazzjoni tal-Franċiżi fl-1800 ma kienx għadu ċert min kien se jieħu l-gżejjer Maltin. Ir-Re ta' Sqallija kif ukoll il-Kżar tar-Russja, bħala Gran Mastru tal-Ordni ta' San Ġwann, riedu jaħkmu lil Malta. Imbagħad meta fl-1813 kien iffirmat it-Trattat ta' Pariġi, Malta bdiet tagħmel parti minn dak li kien l-Imperu Ingliż, u dan sar skont ix-xewqa tal-poplu Malti. Kien minn dak iż-żmien li l-gżejjer Maltin bdew jitmexxew minn Gvernatur Ingliż u mhux aktar minn Kummissarju Ċivili. Dan it-tibdil sar skont il-Kostituzzjoni tas-16 ta' Lulju 1813.



Sir Thomas Maitland

L-ewwel Gvernatur ta' Malta kien Sir Thomas Maitland, li wasal Malta fit-3 ta' Ottubru 1813 u ħa t-tmexxija tal-gżejjer jumejn wara. Maitland, magħruf ukoll bħala King Tom, kien bniedem għaref u qalbieni, u mill-ewwel deher li se jkun leġiżlatur ta' ħila. Madankollu meta ntbagħat Malta hu kellu ordnijiet mis-Segretarju tal-Istat, Lord Bathurst, biex il-liġijiet li kien hawn f'Malta, jiġifieri dawk tal-Ordni ta' San Ġwann, kellhom jibqgħu japplikaw, għalkemm seta' jsir xi tibdil fihom.

Skont l-ewwel Kostituzzjoni li ngħataw il-Maltin, jiġifieri dik tal-1813 il-Korp tal-Pulizija kien ikkontrollat mill-Gvernatur u din is-sitwazzjoni damet sakemm Malta ngħatat is-*self-government*. Bejn l-1813 u l-1921 Malta tmexxiet skont ħames Kostituzzjonijiet, jiġifieri dik tal-1813, tal-1835, tal-1849, tal-1887 u tal-1903. Fir-rigward tal-Korp tal-Pulizija, f'dawn il-Kostituzzjonijiet ma kien hemm xejn differenti, jiġifieri l-Korp kien ikkontrollat mill-Gvernatur.

Sadanittant, il-mexxejja Maltin kienu ilhom jitolbu li jkollhom gvern magħżul mill-poplu u fit-30 ta' April 1921 kienu ġew promulgati l-*Letters Patent* ta' Kostituzzjoni ġdida, dik *Amery-Milner*, li xahar wara kienu approvati mill-Assemblea Nazzjonali.



L-Avukat Caruana Gatto

Fit-18 u d-19 ta' Ottubru 1921 saru l-ewwel elezzjonijiet ġenerali taħt il-Kostituzzjoni *Amery-Milner*. L-ewwel elezzjoni tat rebħa lill-*Unione Politica Maltese* jew aħjar il-Partit ta' Panzavecchia u fl-1 ta' Novembru 1921 saret l-inawgurazzjoni tal-Assemblea Leġiżlattiva mill-Prinċep Edward, il-Prinċep ta' Wales. Joseph Howard kien il-kap tal-Gvern u l-ewwel Ministru tal-Pulizija kien l-Avukat Alfredo Caruana Gatto, li kien ukoll responsabbli mill-Ministeru tal-Ġustizzja.

L-ewwel tibdil li sar mill-Gvern Malti fir-rigward tal-Korp tal-Pulizija kien il-ħatra ta' Kummissarju ġdid li ħa post il-Kummissarju Ingliż, li kien inġieb Malta b'kuntratt għal tliet snin. B'seħħ mis-27 ta' Lulju 1922, il-Kummissarju Antonio Busuttil beda jmexxi l-Korp. Il-Gvern Malti ma kienx jaqbel li d-Dipartiment tal-Pulizija kellu jitmexxa minn persuna barranija kif kien sar fit-tmien snin ta' qabel. Imbagħad fl-istess żmien, kien sar tibdil fil-Ministeru tal-Pulizija meta l-Korp ma baqax taħt il-Ministru tal-Ġustizzja, iżda mar taħt il-Kap tal-Gvern, Joseph Howard.



Joseph Howard



Sir Maurice Dorman

Is-sitwazzjoni politika ta' Malta dejjem kellha effett fuq il-Korp tal-Pulizija, u l-kwistjonijiet politiċi kienu bosta. Waħda minnhom kienet dik li bdiet fit-3 ta' Mejju 1930, waqt kampanja elettorali. Fil-qofol ta' kwistjoni reliġjuża bejn Lord Gerald Strickland u l-awtoritajiet ekkleżjastiċi Maltin, il-Gvernatur Sir John Du Cane ipproklama stat ta' emerġenza, u waqqaf l-elezzjonijiet li kienu se jsiru. Dan ġara minħabba li jumejn qabel, l-Isqfijiet Maltin kienu imponew id-dnub il-mejjet fuq dawk li kienu se jivvutaw lil Lord Strickland jew li kienu jappoġġjawh. F'sitwazzjoni bħal din, il-Gvernatur ħa l-kontroll tal-Pulizija f'idejh. Aktar minn hekk, f'Settembru tal-1930, il-Logutenent Gustav Brander, O.B.E. kien inħatar Kummissarju tal-Pulizija flimkien mal-Kummissarju Salvatore Galea. Il-ħatra ta' Brander saret bis-saħħa tal-Ordinanza Nru. XII tas-26 ta' Awwissu 1930, li tat poteri lill-Gvernatur ta' Malta li jaħtar aktar minn Kummissarju tal-Pulizija wieħed biex imexxi l-Korp. Barra minn dan, l-istess Ordinanza tat poter lill-Gvernatur li jaħtar Bord biex jamministra l-Korp tal-Pulizija.

Fl-1931 twaqqfet Kummissjoni Rjali minn Lord Asquith u fis-sena ta' wara, il-Kummissjoni ħejjiet rapport dwar is-sitwazzjoni f'Malta. Kif kien mistenni, il-Kummissjoni studjat il-qagħda tal-Korp tal-Pulizija u f'Awwissu 1931 semgħet ix-xhieda tal-Kummissarju Brander li kien mar l-Ingilterra għal dan l-iskop.

Fir-rapport tagħha, il-Kummissjoni semmiet li Lord Strickland kien stqarr quddiemha li l-miżuri li kienu għadhom kif ittieħdu kienu prova ta' kemm il-Gvernatur ried jieħu l-kontroll tal-Pulizija f'idejh. Lord Strickland kien oġġezzjona għall-ħatra tal-Kummissarju tal-Pulizija Ingliż ma' dak Malti. Barra minn dan, jissemma wkoll li kien sar theddid lill-membri tal-Korp, kemm mill-Partit Nazzjonalista kif ukoll mill-Partit ta' Strickland. Għalhekk, il-Kummissjoni rrakkomandat li jekk kemm-il darba l-Korp tal-Pulizija kien se jkun imexxi ħażin, allura kellu jkun ikkunsidrat jekk dan isirx bħala *reserved matter*, jiġifieri jmur taħt il-kontroll tal-Gvern Imperjali.

Riżultat ta' din il-Kummissjoni, spiċċa l-istat ta' emerġenza u komplew il-preparamenti għall-elezzjonijiet ġenerali. Imbagħad fil-21 ta' Ġunju 1932 kien iffurmat Gvern mill-Partit Nazzjonalista, li rebaħ l-elezzjonijiet. Bħala Ministru responsabbli mill-Pulizija kien inħatar l-Avukat Carmelo Mifsud Bonnici (Il-Gross). Waħda mill-ewwel miżuri li kien ħa dan il-Gvern kienet li b'effett mit-23 ta' Lulju 1932, jitneħħa l-Kummissarju Brander u l-Korp tal-Pulizija kompla jitmexxa mill-Kummissarju Galea. Imbagħad, ħmistax-il xahar wara, kontra dak mistenni, il-Gvern Imperjali lliċenzja lill-Ministri u ssospenda l-Kostituzzjoni. Sadanittant, fit-2 ta' Novembru tal-istess sena, bi Proklama XIV reġa' ġie ddikjarat stat ta' emerġenza.

Wara l-Kostituzzjoni tal-1921, Malta kellha żewġ Kostituzzjonijiet oħra; jiġifieri dik tal-1936 u l-1937, li permezz tagħhom il-Korp baqa' taħt il-kontroll tal-Gvernatur. Wara t-Tieni Gwerra Dinjija, il-politiċi Maltin komplew bil-ħidma tagħhom biex il-Gvern Ingliż jerġa' jagħti Kostituzzjoni denja lill-Maltin u għal dan l-iskop inħatar Kumitat Kostituzzjonali, li bħala President kellu lill-Professur Luigi Preziosi. Għall-istess skop, kien ġie Malta Sir Harold MacMichael u ltaqa' mal-Assemblea Nazzjonali Maltija, fejn fisser li Malta kien se jkollha Kostituzzjoni simili ta' dik ta' bejn l-1921 u l-1933. Fir-rapport tiegħu, li kien ippubblikat fis-sena ta' wara, Sir Harold qal li hu kien jaqbel mal-Assemblea Nazzjonali u li l-Korp tal-Pulizija ma kellux ikun materja riservata, iżda li l-Gvern Malti kellu jkollu l-kontroll tal-Pulizija.

Il-*Letters Patent* tal-Kostituzzjoni ħarġu fil-5 ta' Settembru 1947 u bejn il-15 u s-27 ta' Ottubru 1947 saru l-elezzjonijiet ġenerali li taw rebħa lill-Partit Laburista mmexxi mit-Tabib Pawlu Boffa. Flimkien mal-kariga ta' Kap tal-Gvern, it-Tabib Boffa sar il-Ministru responsabbli mill-Pulizija. Wara, kien hemm aktar elezzjonijiet u l-aħħar waħda li saret skont din il-Kostituzzjoni kienet dik ta' Frar 1955, li tat-rebħa lill-Partit Laburista u l-Prim Ministru Dom Mintoff inkluda l-Korp tal-Pulizija fid-dekasteru tiegħu. Madankollu fl-1953, permezz tal-*Emergency Powers – Order in Council* f'Taqsima 59 issemma li f'każi ta' emerġenza, biex ikunu mħarsa l-bon ordni u s-sigurtà tal-pajjiż, il-Gvernatur seta' joħroġ liġijiet jew regolamenti.

Il-Gvern Malti baqa' responsabbli mill-Korp tal-Pulizija sal-24 ta' April 1958, għax kien irriżenja. Fix-xhur ta'qabel, il-Gvern Malti kellu kwistjoni mal-Gvern Ingliż dwar is-sensji tal-ħadddiema Maltin impjegati mas-Servizzi Ingliżi f'Malta. Kwistjoni oħra kienet dwar l-għoti ta' flus mill-Gvern Ingliż. Dan wassal biex il-Parlament Malti japprova riżoluzzjoni li Malta taqta' r-relazzjonijiet kollha mal-Ingilterra u f'April 1958 bdew id-dimostrazzjonijiet favur il-Gvern fil-Belt Valletta.

Wara sensiela ta' dimostrazzjonijiet, kif ukoll ir-riżenja tal-Gvern, il-Kostituzzjoni tal-1947 kienet ġiet revokata u dan wassal għall-Kostituzzjoni tal-1959. Skont din il-Kostituzzjoni, il-Korp tal-Pulizija kellu jibqa' taħt il-kontroll tal-Gvernatur kif kien fix-xhur ta' qabel skont l-istat ta' emerġenza. Sadanittant, fit-18 ta' Diċembru 1958, il-Perit Mintoff kellu laqgħa mas-Segretarju tal-Istat għall-Kolonji. Waqt din il-laqgħa, is-Sur Mintoff kien għamilha ċara li l-Partit Laburista ma kienx lest jiddiskuti xi Kostituzzjoni li tneħħi lill-Pulizija minn taħt il-kontroll tal-Gvern Malti.

Fl-196l tħabbret Kostituzzjoni ġdida għal Malta, li kienet ipproklamata fl-24 ta' Ottubru u kienet ibbażata fuq ir-rapport tal-*Blood Commission*, ippreseduta minn Sir Hilary Blood. Skont din il-Kostituzzjoni, il-Korp tal-Pulizija kien se jibqa' taħt il-kontroll tal-Gvernatur. Dan kien sar minkejja l-oppożizzjoni tal-politiċi Maltin. Wara l-għoti ta' din il-Kostituzzjoni, kienu ġew iffissati d-dati tal-elezzjonijiet ġenerali u dawn kellhom isiru fi Frar tal-1962.

L-elezzjonijiet tal-1962 taw rebħa lill-Partit Nazzjonalista, iżda meta l-Kap tal-Partit, Dott. George Borg Olivier kien mitlub mill-Gvernatur biex jifforma Gvern, Borg Olivier għamel ċerti riservi u waħda minnhom kienet dwar il-kontroll tal-Korp tal-Pulizija. Skont il-Kostituzzjoni li fuqha saret l-elezzjoni, il-Pulizija kellha tkun *reserved matter*, jiġifieri taħt il-kontroll tal-Gvernatur, u Borg Olivier ried il-kontroll tal-Pulizija f'idejh. Iżda wara taħditiet mas-Segretarju tal-Istat, Reginald Maulding, Borg Olivier kellu assigurazzjoni li kienu se jsiru xi emendi fil-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Pulizija ma kinitx se tibqa' *reserved matter*. It-tibdil kien sar xi żmien wara.

Wara referendum li sar f'Mejju 1964, Malta kellha Kostituzzjoni ġdida li kienet għaddiet mill-Parlament Ingliż fil-31 ta' Lulju 1964. Dan it-tibdil kostituzzjonali kien ifisser li l-Korp tal-Pulizija ma seta' qatt jitneħħa minn taħt il-Gvern Malti.

magazine.police@gov.mt

Advert